



31.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni Nru 2359/2013 imressqa minn Ernst Billeth, ta' ċittadinanza Awstrijaka, dwar il-protezzjoni ta' hlejquet selvaġġi mit-turbini eoliċi

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jesprimi tħassib dwar il-kostruzzjoni ppjanata ta' turbini eoliċi għoljin 186 metru f' 'Leiser Berge', park naturali protett tal-hlejquet selvaġġi, li huwa masġar u żona ta' sbuħija straordinarja. B'referenza għall-ħtiġijiet tal-ħarsien ambjentali tal-UE, inkluża valutazzjoni tal-impatt viżiv tal-proġett fuq l-ambjent, huwa tal-fehma li l-kostruzzjoni tat-turbini eoliċi ser timmina l-kwalità tal-ħajja u tnaqqar l-prezzijiet tal-proprjeta' fiż-żona.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-24 ta' Settembru 2014. Il-Kummissjoni ntabbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fil-31 ta' Jannar 2015

Iż-żieda fl-użu tal-enerġija li tiġġedded tgħin biex jonqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u impatti ambjentali negattivi oħra marbuta mal-użu tal-karburanti fossili. Madankollu xi forom ta' enerġija li tiġġedded iġibu magħhom sfidi speċifiċi f'termini tal-evitar ta' impatt ambjentali negattivi.

It-turbini eoliċi pereżempju jista' joħolqu tħassib relatat mal-impatt viżiv, livell ta' storbju kif ukoll impatt fuq l-organiżmi selvaġġi u l-bijodiversità. L-UE għandha leġislazzjoni ambjentali estensiva li tiżgura li tali impatti jiġu vvalutati bħala parti mill-proċessi tal-ippjanar u ta' awtorizzazzjoni. Proġetti ta' żviluppi eoliċi ġodda normalment jiġu suġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali - fil-livell tal-proġett - waqt li pjanijiet għal żviluppi eoliċi nazzjonali

jew reġjonali issirihom Valutazzjoni Ambjentali Strateġika li tħares ukoll lejn impatti kumulattivi. Barra minn hekk, f'każ li t-turbini eoliċi jkun se jkollhom impatt fuq siti Natura 2000 jew speċijiet protetti, dawn jeħtieġ jiġu vvalutati speċifikament abbażi tad-Direttiva dwar il-Habitats u d-Direttiva dwar l-Għasafar tal-UE. Għandu jiġi nnotat li l-impatti negattivi potenzjali tat-turbini eoliċi jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' ħidma adegwata fir-rigward tal-ippjanar spazjali u tal-għażla tas-siti.

Konklużjoni

Il-leġislazzjoni ambjentali Ewropea bħad-Direttiva dwar l-Għasafar, id-Direttiva dwar il-Habitats u d-Direttiva dwar Valutazzjoni Ambjentali Strateġika jista' jkollhom impatt fuq l-għażla ta' lok għal turbini eoliċi, u fuq il-bini tagħhom. Barra minn hekk, f'diversi Stati Membri ġew adottati regolamenti u/jew linji gwida ambjentali, prinċipalment relatati mal-livelli ta' storbju.

Il-Kummissjoni temmen li hu possibbli li jinstab bilanċ bejn l-iżvilupp ta' turbini eoliċi u l-oġġettivi tal-politika ambjentali, inkluża l-ħtieġa li jiġu mħarsa l-bijodiversità u l-ħabitats, b'mod partikolari permezz tal-identifikazzjoni bikrija ta' problemi potenzjali u permezz ta' deċiżjonijiet xierqa dwar l-għażla ta' lok. Kwalunkwe impatt negattivi ta' proġetti ta' dan it-tip għandu jiġi analizzat waqt il-proċedura ta' Valutazzjoni tal-Impatt, li għandha tidentifika wkoll miżuri ta' mitigazzjoni xierqa.